**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Rotta 3**

**IR-RABA' SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-isem:**________________________________ **Il-klassi:**__________ **Il-marka totali:** ☐

**IT-TWEĠIBIET GĦANDHOM IKUNU MIKTUBIN BIL-LINKA.**
**MINBARRA FEJN MITLUB, IL-LAPSIJIET GĦANDHOM JINTUŻAW BISS GĦAT-TPINĠIJA U XOGĦOL GRAFIKU.**

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
**Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultat aħjar.**

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

L-Iskema tal-Marki

| Il-Mistoqsija | A | B | Ċ | DI | DII | E | Taħdit | Smigħ | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Marka | 15 | 10 | 5 | 15 | 15 | 20 | 10 | 10 | **100** |
| Il-Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## A. SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ *(15-il marka)*

| |
|---|
| ___ 15 |

*Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.*

# Bejn kelma u oħra fi Triq ir-Repubbblika

Il-bliet il-kbar ma jorqdu qatt imma l-belt kapitali tagħna ma tistax tikkompeti f'dan il-qasam, għalkemm għandha kwalitajiet oħra li jimmeraviljawk. *(par. 1)*




Dari ma kontx tisma' ħlief kliem bil-Malti u ftit Ingliż jew Taljan. Illum ma tafx jekk intix Malta jew Honolulu. Il-belt tagħna saret donnha **metropoli**, għax tisma' fiha l-lingwi kollha, anke dawk li ma jixbhu ebda lingwa li nafu, barra l-Malti. It-turisti parti mill-ġenn li spiss tara fit-toroq tal-belt prinċipali tagħna, speċjalment filgħodu. *(par. 2)*

Jgħaddu dawk li jitħaddtu mal-mowbajls tagħhom. Mingħajr ma trid taħseb li xi wħud mill-kuntatti huma torox jew m'għandhomx x'jagħmlu biex joqogħdu jisimgħu lil dal-ħmar jitħambaq għal nofs siegħa fuq il-mowbajl **f'nofs it-triq prinċipali ta' Malta.** Jien ma nifhimhomx lil dawn in-nies, imma kif jgħidu, mitt bniedem mitt fehma u kulħadd jaf hu. *(par. 3)*

Hemm min jitħaddet mal-kelb, għalkemm klieb ma tantx tara. Qtates għandna kemm irridu imma mal-qtates ma tistax iżżomm konversazzjoni. Tista' biss iżżomm monologu. **U t-turisti jitgħaxxqu bil-qtates sbieħ tagħna u jħobbu jkellmuhom**, imma s'issa għadni qatt ma smajt qattus jirrispondi lit-turisti. *(par. 4)*

Il-ħamiem itir madwar widnejk qisu xejn, u jħalli l-posta mżellġa warajh kull fejn jittajjar. Ħafna jitkellmu mal-ħamiem biex ikeċċuh, jew biex jistaqsu għaliex għażel lil dan jew lil dak biex iħallilu l-memorja tiegħu fuq rasu jew fuq il-ġlekk. *(par. 5)*

Bnadar u bandalori jperpru minn każini u bjut, imma anke mill-karozzi tal-ambaxxaturi għaddejjin wara ż-żwiemel tal-Kavallerija, biex iħabbru li għaddej ir-rappreżentant ta' dak il-pajjiż li tiegħu tperper il-bandiera fuq il-bonit. Dawn kollha għandhom il-lingwa tagħhom. *(par. 6)*

F’San Ġwann in-nies **dieħla bi ħġarha**. Il-kliem ma jonqos qatt fost it-turisti, li jħallu sold warajhom u jieħdu magħhom memorja li ma jinsew qatt. Imma ebda lingwa ma ttanbar fuq kollox daqs il-qniepen ta’ San Ġwann! *(par. 7)*

Filgħaxija jisktu l-karozzi, imma fit-triq prinċipali ta’ Malta, fejn qabel kien hemm l-**egżost** tal-karozzi, issa hemm int u ħafna oħrajn ikomplu l-konversazzjoni, waqt li jissaraw ma’ xi pizza bil-mozzarella mdewba tgħaqqad biċċa ma’ oħra. *(par.8)*

*(*Adattament minn kitba ta’ Norbert Ellul-Vincenti, fir-rivista *Sagħtar* ta’ Novembru 2013*)*

**I. FEHIM IT-TEST (10 marki)**

1. Fiex ma tistax tikkompeti l-belt kapitali ta’ Malta ma’ bliet oħra?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

2. X’differenza jara l-awtur bejn l-imgħoddi u l-preżent?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3. Għal liema triq qed jirreferi l-awtur f’din is-sentenza?
*Mingħajr ma trid taħseb li xi wħud mill-kuntatti huma torox jew m’għandhomx x’jagħmlu biex joqogħdu jisimgħu lil dal-ħmar jitħambaq għal nofs siegħa fuq il-mowbajl **f’nofs it-triq prinċipali ta’ Malta.***

______________________________________________ (1)

4. Sib qawl mit-tielet paragrafu u fissru skont is-sens tas-silta.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

5. Matul din is-silta l-awtur isemmi għadd ta’ sitwazzjonijiet differenti ta’ kif u meta jintuża l-kliem u t-taħdit fi Triq ir-Repubblika. Semmi **tlieta** minn dawn is-sitwazzjonijiet.

❶______________________________________________

❷______________________________________________

❸______________________________________________ (3)

6. Fil-fehma tiegħek, x’rabta hemm bejn it-titlu u l-kontenut ta’ din is-silta?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

## II. GĦARFIEN IL-LINGWA (5 marki)

1. Agħti t-tifsira ta' *metropoli* (par. 2) skont kif inhi użata fis-silta.

_______________________________________________ (1)

2. *U t-turisti jitgħaxxqu bil-qtates sbieħ tagħna u jħobbu jkellmuhom…* (par. 4)
Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż ***-hom*** fil-kelma *jkellmu**hom***?

_______________________________________________ (1)

3. Mir-raba' paragrafu sib kelma li turi:
   a. meta xi ħadd jitkellem miegħu nnifsu _______________ (½)
   b. jieħdu gost _______________ (½)

4. Immarka t-tajba.
Il-frażi *dieħla bi ħġarha* (par. 7) tfisser:
   a. dieħla kontra qalbha ☐
   b. dieħla ħafna nies li tinsab kuntenta ☐
   ċ. in-nies tidħol b'ħafna affarijiet fuq idejha ☐ (1)

5. In-nom *egżost* (par. 8) huwa ta' nisel: ☐ a. Semitiku ☐ b. Rumanz ☐ ċ. Ingliż. (1)

## B. GRAMMATIKA *(10 marki)*

| ____ 10 |
|---|

*Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.*

**1284 vittma fil-Lvant Nofsani**

**Intqal li daqshekk kien in-numru tal-Palestinjani** li nqatlu, ħafna minnhom nisa, tfal u xjuħ, fil-jiem ta' bumbardamenti ma jaqtgħu xejn mill-art u mill-ajru. **Dan in-numru waħdu jagħtina** biss indikazzjoni tal-brutalità tal-attakk imwettaq mill-Iżraeljani f'Gaża. Iżda biex nifhmu t-traġedja f'din l-istrixxa ta' art **għandna bżonn ħafna iktar minn din il-figura**. Ikun inutli li wieħed ipaċpaċ mingħajr ma jkun jaf eżatt **minn xiex ikunu għaddew dawk l-imsejkna**. Ma' din il-figura rridu nżidu lil dawk l-eluf mifnija bi wġigħ insapportabbli wara li raw lil qrabathom immassakrati quddiem għajnejhom. Il-ħajja tkompli **u d-dmugħ ta' Gaża se jkun qed jinxef ukoll**. **Li kieku x-xita ta' bombi waqfet qabel**, ma kienx ikun hemm daqshekk imwiet, tifrik u disperazzjoni.

(Adattament minn *1284 vittma fil-Lvant Nofsani* ta' Andrè Callus mill-Moviment Graffiti)

1. Mis-silta li għadek kif qrajt sib u ikteb:

   a. verb **fis-seba' forma** ________________________________ (1)

   b. verb **trilitteru sħiħ** mit-tielet linja ________________________________ (1)

   ċ. verb **kwadrilitteru** ________________________________ (1)

2. Immarka t-tweġiba t-tajba.

   Il-frażi, *Intqal li daqshekk kien in-numru tal-Palestinjani...* għandha **tifsira**:

   ❑ a. reċiproka | ❑ b. impersonali | ❑ ċ. riflessiva (1)

3. Aqleb il-verb immarkat b'sing taħtu **fil-passiv**: *Li kieku x-xita ta' bombi waqfet qabel ...*

   ________________________________________________________________ (1)

4. Qiegħed il-frażi mmarkata b'sing taħtha **fil-plural**:

   ***Dan in-numru waħdu jagħtina*** *biss indikazzjoni ...*

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2)

5. Qiegħed din il-frażi **fit-tielet persuna femminil singular**:

   *...**għandna** bżonn ħafna iktar minn din il-figura.*

   ________________________________________________________________ (1)

6. Agħmel sing taħt **il-verb awżiljarju**:

   *... minn xiex ikunu għaddew dawk l-imsejkna.* (1)

7. Agħmel sing taħt **il-verb fit-temp kompost**:

   *...u d-dmugħ ta' Gaża se jkun qed jinxef ukoll.* (1)

## Ċ. MALTI KOMUNIKATTIV *(5 marki)*

| ___ / 5 |

*Ikteb bejn **60 u 80 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport u semmi l-fatti u d-dettalji. Tinsiex tindika n-numru tal-mistoqsija magħżula **fuq il-karta separata.***

1. Immaġinak ġurnalist/a. Ikteb rapport dwar xi ħsarat li ġarrab ir-raħal ta' Ħal Ċkejkun minħabba maltempata kbira li seħħet matul il-lejl.

**JEW**

2. Immaġinak ġurnalist/a. Ikteb rapport għal gazzetta lokali dwar serqa ta' pittura li seħħet matul il-lejl minn mużew nazzjonali.

## D.I. LETTERATURA – BEJN ĦALTEJN (*15-il marka*)

| |
|---|
| ____ 15 |

**Ir-Referenza għall-Kuntest**

*Agħżel silta* ***waħda*** *(A jew B). Tinsiex tindika l-ittra tas-silta magħżula fuq il-karta tat-tweġibiet.*

**A. Aqra sewwa l-poeżija *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**

X'inhi dil-kelma qed tirtogħod
hemm fuq ix-xefaq ta' dan il-jum?
Mhijiex ballun, ħafif u lest
għal-logħob. Pjuttost xi balla
li din l-għodwa qiegħda tistenna
l-kanun ta' ħalqi, lil qalbi
mkebbsa b'rabja liema bħalha –
tistenna l-isfog.

Mela llum sejra npittirlek
kartolina, u nħażżiżilha
l-kuluri li jixirqulha:
iswed duħħan bħal moħħi
aħmar nar bħal demmi jbaqbaq –

ja traditur
ma xbajtx tirreġettani minn ġo
ħajtek!

Ħa mela ilqa' u ibla'
dil-balla li rrid naqla' jien
minn fuq l-istonku.

Ibla' u ilqa'

u jekk tista'
itfagħhieli lura
qisha ballun.



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet *fuq karta separata*:**

1. X'ton qed tuża l-poetessa f'din il-poeżija? Ikteb tliet kelmiet li juru dan. (4)
2. X'tip ta' vers qed jitħaddem f'din il-poeżija? (1)
3. Mill-poeżija sib eżempju ta': a. apostrofi, b. metafora u ċ. similitudni. (3)
4. X'effett jinħoloq permezz tas-similitudni li għażilt? (2)
5. Hemm rabta bejn it-titlu u l-kontenut f'dil-poeżija? Agħti raġuni għar-risposta tiegħek. (2)
6. Fisser kif din il-poeżija tidħol fit-tema tat-tiġrib fil-ħajja. (3)

JEW

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**

Min jaf igħid x'ħasset
Kif semgħet l-aħbar
Katrina?… bħal berqa
Dlonk toħroġ mid-dar.

U l-ħbieb marru wrajha
Sabiex iżommuha;
Ilkoll daru magħha
U riedu jsabbruha.

Bħal ġenn haw' jaqbadha
Ma trid tisma' 'l ħadd,
Bdiet twarrab b'idejha,
Bikkiet lil kulħadd.

Xħin tilmħu, tintilef
U taqa' hemm fl-art
Fejn kienu filgħodu
Xerrdulhom il-ward.

Minn xebba u għarusa
F'jum wieħed dil-mara
Ittejjeġ u tormol! –
Min jista' jsabbarha!



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet *fuq karta separata*:**

1. X'ton qed jintuża f'din il-parti tal-poeżija? Agħti raġuni. (2)

2. X'aħbar semgħet Katrina? (1)

3. Ikkummenta fuq il-metrika ta' din il-parti tal-poeżija: l-istrofi, il-versi u r-rima. (3)

4. Sib eżempju ta': a. antiteżi, b. similitudni u fissirhom. (4)

5. X'tissejjaħ din it-tip ta' poeżija u għaliex? (2)

6. Ikkummenta fuq it-tliet taqsimiet ta' din il-poeżija. (3)

| D.II. LETTERATURA – IL-ĦARSA TA' RUŻANN *(15-il marka)* | ___ 15 |
| --- | --- |

**Il-Komponiment Letterarju**

*F'madwar **200 kelma** wieġeb mistoqsija **<u>waħda</u>** fuq karta separata.*

1. It-tema tal-edukazzjoni hija waħda mit-temi ewlenin fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann*. Tkellem dwar l-importanza ta' din it-tema mill-bidu tar-rumanzett sa Marija.

**JEW**

2. Il-karattri ewlenin fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* kellhom jieħdu deċiżjonijiet diffiċli għall-ġid tagħhom u tal-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. Ikkummenta billi tirreferi għall-karattri ta' Mark-Antonin u Rużann, Karmenu u Lurenz, Marija u Wenzu.

| E. IL-KOMPONIMENT *(20 marka)* | ___ 20 |
| --- | --- |

*Ikteb madwar **300 kelma** dwar **<u>wieħed</u>** minn dawn fuq karta separata.*

1. Ikteb rakkont li jibda: *Lanqas niftakar ma rrid daqskemm stħajt dakinhar…*
2. F'ħanut tal-kotba.
3. Il-mowbajl ngħaddu mingħajru?
4. L-importanza tal-imħabba u r-rispett fi żminijietna.

**Tmiem il-karta.**

